MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Numru. 267/2013

Il-Pulizija
(Sp Jurgen Vella)
vs
Christian Bonello, iben Victor, imwieled Pieta'fit-2 ta' Frar, 1985, karta ta' l-identita' numru 110985(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. talli fis-17 ta' Marzu, 2013 għal ħabta tal-5.00 p.m. ġewwa garage bin-numru 14, Triq Valperga, Fgura u f'dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' stereo tal-marka JVC minn vettura tal-għamla Jeep, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBI 195, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-

ħaġa misruqa, liema serq sar għad-dannu ta' Terence u Anthony Delia;

2. talli fit-18 ta' Marzu, 2013 għal ħabta tat-8.30 p.m. ġewwa garage bin-numru 14, Triq Valperga, Fgura u f'dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' diversi għodod minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni TFB 918, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa li ma jeċċedix il-valur ta' €2,329.37 liema serq sar għad-dannu ta' Terence u Anthony Delia;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fil-vetrina ta' l-imsemmija vettura, liema ħsara hu ta' anqas minn €116.47 għad-dannu ta' Terence u Anthony Delia;

4. talli fl-istess żmien u ċirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati fit-3 ta' Ġunju, 2010;

5. talli fl-istess żmien u ċirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati fis-26 ta' Settembru, 2012;

6. talli b'hekk sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li ġie misjub ħati permezz ta' sentenzi mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra jew mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra l-piena skont il-liġi tordna l-konfiska tal-'corpus delicti' f'dan il-każ, il-vettura tal-għamla 'Seat Marbella', bin-numru tar-reġistrazzjoni CBC 203, li serviette jew li kien maħsub li serviette sabiex isir id-delitt u dan bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi

Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ikkolabora bi sħiħ mal-pulizija u għandu problema ta' dipendenza fuq id-droga. Rat l-ammissjoni bikrija. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Corradino li l-imputat jibda' jsegwi program għar-riabilitazzjoni tiegħu mid-dipendena fuq id-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------